# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 12 ta' Frar, 2019**

**Numru 6**

**Rikors Numru 678/18TA**

**Saviour u Dolores konjugi Vella**
**(ID 1055444M u 40446M rispettivament)**

**vs**

**Rosario sive Louis Carabott u martu Maria Carabott**
**(ID 678946M u 651949M rispettivament)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Guramentat tal-atturi konjugi Vella prezentat fis-26 ta' Gunju, 2018 u mahluf fl-istess data, li permezz tieghu talbu s-segwenti:-

"1. Illi l-kontendenti kienu dahlu f'relazzjoni ta' bejgh ta' proprjeta` immobbli gewwa H'Attard;.

2. Illi meta dan l-istess negozju kien sfaxxa, l-intimati kienu obbligaw ruhhom li jirrifondu lill-attur accettanti fis-somma ta' €28,603.73

rapprezentanti valur ta' spejjes u danni li ta l-ahhar sofra minhabba li l-intimati kienu regghu lura mill-wieghda ta' xiri;

3. Illi difatti l-intimati kienu hallsu lill-attur accettanti s-somma ta' €7,000 bhala hlas akkont tal-ammont ta' danni miftiehma tramite bank draft datat 23 ta' Dicembru 2016 u kwindi ghad jonqos bilanc ta' €25,803.73 x'jthallas;

4. Illi ghalkemm interpellati diversi drabi biex ihallsu dan il-bilanc tramite ittra legali datata 30 ta' Jannar 2018 u ittra ufficcjali prezentata ai termini tal-artikolu 166A Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 26 ta' Frar 2018, l-intimati mhux biss baqghu inadempjenti izda anke kkontestaw l-istess tramite Nota datata 16 ta' Mejju 2018;

5. Illi ghalhekk l-atturi ma kellhomx triq ohra hlief li jipprocedu bl-odjerna talba;

6. Illi l-fatti li jifformaw parti mill-premessi huma maghrufa personalment mill-esponent Saviour Vella.

Ghaldaqstant l-esponenti atturi qed jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-raguni premessa:-

1. Tiddikjara li l-intimati huma debituri fil-konfront tal-atturi fis-somma ta' €25,803.73 rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta' flus li kienu ftiehmu fuqhom il-kontendenti bhala parti mid-danni sofferti mill-atturi per konsegwenza ta' negozju ta' bejgh ta' proprjeta` gewwa H'Attard li kien sfaxxa;

2. Konsegwentement tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu lill-atturi l-imsemmija somma ta' €25,803.73.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra legali datata 30 ta' Jannar 2018, ta' ittra ufficcjali (166A) datata 26 ta' Frar 2018 u ta' mandat ta' sekwestru datat 8 ta' Gunju 2018 u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-23 ta' Dicembru 2016 kontra l-intimati konjugi Carabott li minn issa qed jigu ngunti personalment ghas-subizzjoni."

Rat ir-rikors tal-konvenuti tas-16 ta' Novembru 2018 li permezz tieghu talbu lil din il-Qorti sabiex jigu ammessi jaghmlu r-risposta guramentata taghhom

stante li dik prezentata fit-28 ta' Settembru, 2018 kienet tardiva u dan fid-dawl ta' dak verbalizzat fis-seduti tal-15 ta' Ottubru 2018 u tal-1 ta' Novembru 2018;

Rat il-verbal tat-28 ta' Jannar 2019 fejn il-kawza giet ammessa permezz ta' nota prezentata seduta stante;

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenuti prezentata fl-udjenza tat-28 ta' Jannar, 2018;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat li l-partijiet qablu li l-kawza tithalla ghas-sentenza.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija, qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza bil-mod segwenti:-

**Tilqa'** l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri fil-konfront tal-atturi fis-somma ta' €25,803.73 rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta' flus li kienu ftiehmu fuqhom il-kontendenti bhala parti mid-danni sofferti mill-atturi per konsegwenza ta' negozju ta' bejgh ta' proprjeta` gewwa H'Attard li kien sfaxxa.

**Tilqa'** t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi l-imsemmija somma ta' €25,803.73 bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-23 ta' Dicembru 2016 sal-pagament effettiv.

**Spejjez** tal-kawza a karigu tal-konvenut inkluzi dawk tal-ittra legali datata 30 ta' Jannar 2018, tal-ittra ufficcjali (166A) datata 26 ta' Frar 2018 u tal-mandat ta' sekwestru datat 8 ta' Gunju 2018.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**